MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 147/2006

Kawza fil-lista: 50

**AB u CD**
**vs**
**EF, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u Maria Mifsud nominata kuratrici ‘ad litem’ sabiex tirrapprezenta lil minuri GH kjamat fil-kawza b’ digriet tas-6 ta’ Dicembru 2006**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

1. Illi l-attrici AB kienet izzewget lill-konvenut EF [jew kif inhu maghruf ukoll bhal A, jew Bjew Cjew D] fl-14 ta’ Marzu 1999 fir-Registru Pubbliku, il-Kajr, l-Egittu liema zwieg gie sussegwentement rregistrat fir-Registru

Pubbliku, il-Belt Valletta, f' Malta fil-21 ta' Mejju, 1999, skond ma jidher mill-kopja ta' l-istess certifikat li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi nhar is-26 ta' Dicembru 2005 twieled it-tifel li nghata l-isem ta' E maghruf bil-kunjom Gu dan minghajr il-kunsens tal-attrici anzi b' qerq da parti tal-konvenut EF li lanqas biss informa lill-attrici li kien irregistra t-twelid tal-minuri meta l-istess konvenut ilu snin ma jghix u jabita mal-attrici;

3. Illi x-xewqa tal-attrici kienet li tati isem iehor lil binha minuri u mhux dak impost mill-konvenut EF li b' konvinzjoni l-attrici ssostni li mhux missier it-tarbija;

4. Illi matul iz-zmien li ma ghexux u abitaw flimkien l-attrici u l-konvenut EF, ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti ntimi;

5. Illi ghalhekk il-konvenut EF ma jistax ikun missier il-minuri GH, peress illi hu u martu l-attrici, illi kienu miggieldin, ma kellhomx rapporti intimi bejn tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata mid-data tat-twelid tal-minuri GH u ghalhekk il-konvenut kien effettivament fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' l-attrici AB minhabba li kien boghod minnha;

6. Illi effettivament, missier il-minuri E maghruf bil-kunjom F l-attur CD, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess minuri gie kkoncepit, l-atturi, ghalkemm mhux mizzewgin bejniethom, kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sallum;

7. Illi l-atturi qeghdin issa jiddikjaraw id-disponibilita' taghhom ghal kwalsiasi testijiet u provi genetici u xjentifici rikjesti mill-Ligi u minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-atturi.

9. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:

(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri E maghruf bil-kunjom F effettivament iben l-attur CD u mhux iben il-konvenut EF, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 292/2006; (ara kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);
(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid imsemmi biex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri E maghruf bil-kunjom El Shemy.

Ghaldaqstant l-atturi, in vista ta' dak kollu fuq premess, u previa kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur CD huwa l-missier naturali tal-minuri E, maghruf bil-kunjom Gu mhux il-konvenut EF;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid Numru 292/2006:
(a) jissostitwixxi l-isem "GH" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha" bl-isem "Yaser Fathi Shalabi Jr";
(b) jissostitwixxi l-isem "E" fil-kolonna "Ismijiet moghtija" bl-isem "Yaser Fathi";
(c) jissostitwixxi l-isem "EF" fil-kolonna "Isem u Kunjom [Missier it-tarbija]" bl-isem "CD";
(d) jissostitwixxi n-numru tal-"Karta ta' l-Identita' 0019187A", relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" bil "Passaport Egizzjan Numru: 1052291";
(e) jissostitwixxi n-numru "47" fil-kolonna "Eta", relattiv ghall-missier tal-minuri bin-numru "37";
(f) jissostitwixxi l-post "Dokki, Cairo, Egypt" fil-kolonna "Fejn Twieldu", u dan dejjem b' referenza ghall-missier tal-minuri, bil-post "El Mansura, Egypt";
(g) jissostitwixxi l-isem "Mohammed Ibrahim G(dead)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b' referenza ghall-intestat "Missier it-Tarbija" bl-isem "Fathi Mohmoud Ibrahim Shalabi (alive)";

(h) jhassar il-kliem “the said” mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta’ l-omm, l-attrici AB.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta’ l-ewwel talba ukoll, jehtieg illi r-rikorrenti jippruvaw l-impossibilta’ fizika bejn il-konjugi AB u Mohammed Khaled El Shemy.

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti precisament il-paragrafi (a) u (b), l-esponent jirrileva illi din hija azzjoni bbazata ai termini ta’ l-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili u l-Qorti kompetenti f’ dan ir-rigward hija l-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla.

4. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw fejn kien residenti l-allegat missier naturali fid-data tat-twelid tal-minuri biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenut EF, debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat in-nota prezentata minn Maria Mifsud, ghal-kjamat fil-kawza, li permezz taghha tat ruhha b' notifikata bl-atti kollha u ma kkontestatx it-talbiet ta' l-atturi;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku [prezentat ex parte] maghmul mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna, u precisament fl-ewwel talba, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifel E li twieled mill-attrici fis-26 ta' Dicembru 2005 u registrat fuq l-Att tat-twelid numru 292/05 fuq il-kunjom El Shemy, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut EF, izda huwa l-wild naturali ta' l-attur CD; u talbu l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-imsemmi certifikat tat-twelid.

Inoltre, fit-talbiet numri 2[a] u [b] huma talbu wkoll korrezzjoni fl-isem tat-tarbija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta nkontestat li l-attrici AB u l-konvenut EF li zzewwgu fis-sena 1999, kienu sseparaw de facto fis-sena 2000; u sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni ma' l-attur l-iehor Yaser Fathi, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel E fis-26 ta' Dicembru 2005.

L-attrici tikkonferma li wara s-separazzjoni de facto minn ma' zewgha, hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi mieghu; u fiz-zmien tal-koncepiment tat-tifel hija kellha relazzjonijiet intimi ma' l-attur l-iehor, liema relazzjoni ghada ghaddejja sallum.

[1] Fol.29 *et seq.*

Illi r-rapport xjentifiku jikkorrobora t-tezi ta' l-atturi li l-attur Yaser Fathi huwa l-missier bijologiku tat-tifel E; u ghaldaqstant l-ewwel talba, flimkien mal-kumplament tat-talbiet konsegwenzjali, huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara li t-tifel E mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut EF, izda huwa l-wild naturali ta' l-attur CD; u ghalhekk tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-att tat-twelid numru 292/05 fis-sens li l-isem u l-konnotati tal-konvenut EF jigu kancellati u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati ta' l-attur CD;

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet 2(a) u 2(b) stante li gew irtirati.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-atturi fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------